# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

Nru. 14 Sett / Ott '83


## *Editorjal*

# IL-KUNGRESSI, IĊ-ĊENTINARJI, U AĦNA !

Matul ix-xahar ta' Settembru l-gżejjer tagħna jgħixu wieħed mill-isbaħ żmenijiet tagħhom. F'dawn il-jiem ikunu qed jiġu ċċelebrati żewġ Kungressi kbar: id-Disa' Kungress Marjoloġiku Internazzjonali kif ukoll ix-Sittax il-Kungress Marjan Internazzjonali.

Barra minn hekk, f'dawn il-jiem ukoll, jaslu fit-tmiem tagħhom il-festi mħejjija biex jiġi mfakkar l-ewwel ċentinarju minn meta Karmni Grima kellha x-xorti tisma' lill-Madonna tkellimha mill-Knisja tagħha go ta' Pinu.

Saru ħafna tħejjijiet. Twettqu ħafna attivitajiet. Kollha bl-iskop waħdieni li din l-okkażżjoni tqajjem ġewwa fina tiġdid spiritwali tant meħtieġ f'dawn iż-żmenijiet. Biss, il-Kungressi jgħaddu u jispiċċaw, il-festi jintemmu u jħalluna. X'Ser jibqa minn dan kollu? Twettaq tiġdid spiritwali kif xtaq il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-ittra tiegħu lill-Isqfijiet Maltin tad-29 ta' Settembru 1982?

Aħna persważi li dawn l-okkażżjonijiet li semmejna jħallu żgur frott mixtieħ. Iżda ma nistgħux nieqfu hemm. Irridu nkomplu ninbnew. Tajjeb li wieħed mill-frottijiet ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li qed isiru ikun li kull familja Maltija u Għawdxija terġa' tibda' tirreċita t-talba li hija tant għal-qalb tal-Madonna: ir-RUŻARJU.

B'dan il-ħsieb f'moħħna ser nagħtukom xi siltiet li juruna l-importanza li għandu jkollu r-Rużarju f'ħajjitna.




**Papa Piju XI:**

Dawn huma l-aħħar kelmiet. Jekk tridu li jkollkom il-paċi f'qalbkom, fid-djar tagħkom u f'pajjiżkom, nġabru kull filgħaxija biex tgħidu r-Ružarju. Fil-Vatikan m'hemmx teżor ikbar mir-Rużarju. Qisu li r-Rużarju jingħad f' kull familja . . .

**Papa Piju XII:**

M'hemmx mezz iktar ċert biex iġġib il-barka t'Alla fuq il-familja, mir-reċita tar-Rużarju . . .

**Papa Ġwanni XXIII:**

Aħna ċerti li uliedna mad-dinja kollha jsibu fir-Rużarju Mqaddes skola biex jitgħallmu x'inhi l-vera perfezzjoni nisranija, għax waqt ir-Rużarju huma bil-ġabra jikkontemplaw it-tagħlim li jagħtuna il-ħajja ta' Ġesù u ta' Marija.

**Papa Pawlu VI:**

Ir-Rużarju huwa mezz li jista' jġib l-ordni fid-diżordni li hawn illum fid-dinja.

". . . Ara binti, din il-qalb miksija bix-xewk li l-bnedmin ingrati qegħdu fiha f'kull mument permezz tad-dagħa u l-ingratitudni tagħhom, ara li nkun imfarrġa u ħabbar li jiena nwiegħed lil dawk li għall-ħames xhur wara xulxin fl-ewwel Sibt iqerru u jitqarrbnu u jgħidu r-RUŻARJU u jimmeditaw il-misteri tiegħi b'riparazzjoni . . . "

(Lil Suor Luċija Santos - 1925)

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| 25.6.83 | DAVID iben George Camilleri u Helen Cassar. |
| 9.7.83 | DANIELA bint Francesco Buttigieg Carmelina Mizzi. |
| 14.7.83 | VINCIENNE bint Anthony Xuereb u Mary Grace Mizzi. |
| 30.7.83 | FRANCINE bint Joseph Tabone u Josephine Formosa. |
| 30.7.83 | GEORGE iben Salvu Portelli u Elizabeth Gauci. |

## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

| | |
|---|---|
| 2.7.83 | Carmelina Saliba u Manuel Cassar |
| 2.7.82 | Rita Sacco u Raymond Farrugia |
| 9.7.83 | Maria Azzopardi u Raymond Gafà |
| 9.7.83 | Frankie Pavia u Gemma Galea |
| 23.7.83 | Liliana Fenech u Mario Mizzi |
| 24.7.83 | Maria Schembri u Aldo Livori |
| 30.7.83 | Joseph Portelli u Maria Grazzia Azzopardi. |
| 7.8.83 | Gloria Masini u Salvu Farrugia |

| | |
|---|---|
| 21.6.83 | Guzeppa Tabone |
| 28.6.83 | Assunta Sammut |
| 7.7.83 | Gorg Xuereb |
| 1.8.83 | Guzepp Cutajar |
| 1.8.83 | Francesco Gauci |

## Donazzjonijiet għar-Rivista

Gorg Grech (Toronto Canada) Lm10; Anton Borg (Canada) Lm2; John Borg (Canada) $Canadian 5; Joseph Pace Lm5; J. Sciberras 50c; Gorg Bianchi 50c; Tony Aquilina 50 Canadian Dollars.



## NILTAQGĦU NHAR

**SETTEMBRU 1983**

| | |
|---|---|
| **Il-Ġimgħa 2** | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Ġurnata adorazzjoni. |
| **Is-Sibt 3** | L-Ewwel Sibt tax-Xahar. Ġurnata adorazzjoni. |
| **It-Tlieta 6** | **Il-25 Anniversarju mill-għoti tat-Titlu ta' Bażilika lill-Knisja Parrokkjali tagħna mill-Papa Piju XII.** |
| **L-Erbgħa 21** | **Il-228 anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali.** |
| **Il-Ħamis 29** | Festa ta' San Mikiel. Fis-7.00 p.m. Konċelebrazzjoni. |

**OTTUBRU 1983**

| | |
|---|---|
| **Is-Sibt 1** | L-Ewwel Sibt tax-Xahar. Ġurnata adorazzjoni. Jibda x-xahar tar-Rużarju. |
| **It-Tnejn 3** | Jibda t-tagħlim tad-dutrina fiċ-ċentri. |
| **Il-Ħamis 6** | Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja fis-2.00 p.m. |
| **Il-Ġimgħa 7** | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Ġurnata adorazzjoni. |
| **Is-Sibt 15** | **Festa tal-Madonna ta' Fatima. Konċelebrazzjoni fis-6.00 p.m. u wara Korteo Aux Flambeaux.** |
| **Il-Ħadd 16** | Festa tal-Madonna ta' Fatima. Fl-4.30 p.m. Konċelebrazzjoni. |
| **Il-Ħadd 23** | Jum il-Missjoni. Nitolbu u ngħinu kemm nistgħu. |



## *TOUR TA' L-ANNO SANTO*

***Fir-ritratt jidher parti mill-grupp li mar fit-tour ta' l-Anno Santo organiżżat mill-parroċċa tagħna. Kull minn ħa sehem f'dan it-tour kellu tifħir għall-organiżżazjoni u għal mod kif tmexxa t-tour. Barra li saru żjajjar fil-postijiet l-iktar interessanti tal-Belt Eterna, fosthom l-erba Bażiliċi u l-Bażiliċi u l-Bażilika ta' San Ġorġ al Velabro, saru wkoll eskursjonijiet għal Cassia. Assisi, Orvieto u Tivoli. Nirringrazzjaw lil kull minn ta' l-għajnuna tiegħu għas-suċċess ta' dan it-Tour fl-okkażjoni tas-Sena Mqaddsa tar-Redenzjoni.***

# IL-KRITIKA! ! !

Il-ħajja tal-bniedem hija mimlija b'ħafna ħwejjeġ li jgħixu madwaru stess u li tant tgħaġġnu miegħu li ħafna minnhom l-inqas biss ma jagħti kashom. Imma billi kull bniedem huwa rripetibbli, allura jkun hemm xi ħaġa li ma taqbilx, minn bniedem għal-ieħor. Huwa għalhekk li inħolqot il-kelma: "KRITIKA', pero hemm ħafna modi biex wieħed jista' jikkritika il-kif wieħed għandu jikkritika. Imma mhux dan il-ħsieb tiegħi li nitkellem fuq il-kritika, nixtieq nitkellem fuq kif tista' tagħmel biex:

a) tagħraf tagħmel użu tajjeb mill-Kritika.
b) tagħraf tirbaħha u ma tħallijiex tirbħek.

**L-Ewwel Punt:** Kif tagħraf tagħmel użu tajjeb mill-Kritika.

Meta wieħed jiġi kkritikat, l-ewwel ħaġa li għandu jara, hija li jeżamina l-punt jew punti li fuqhom ġie ikkritikat. Jekk ma jkunx kapaċi jasal waħdu, għandu dejjem ifittex lil xi ħadd li jkun jista' jgħinu. Wara dan, għandu jkun ġentili biżżejjed u matur sewwa biex, jekk ħa żball, ikun jista' jgħid "skużi żbaljajt", jekk ikun miexi fis-sewwa, il-kritika għandha tagħmillu l-kuraġġ, għax x'aktarx ikun rifes xi kallu ta' xi ħadd u dan ix-xi ħadd, jew biex jivvendika ruħu, jew għax qed jgħir għalih, qabad il-frusta ta' l-ilsien jew tal-kitba biex idallam il-progress ta' dak li jkun. Hawnhekk, il-bniedem għandu juża l-istess sistema li kien juża Abraham Lincoln ma l-għedewwa tiegħu: "Paċenzja, Sabar, imma fermezza fix-xogħol u perseveranza fil-ħajja".

Jekk il-kritika tkun ġejja minn xi superjuri tiegħu, dan il-proxxmu għandu, kemm jista' jkun, jissotometti l-ideat tiegħu għal dawk tal-mexxejja tiegħu, imma bil-volunta sħiħa li dak li hu sewwa, ma jċedix għalih u jitlaq kollox mill-ewwel. Xi darba jiġri li superjur għaqli, jilgħabha ta' tentazzjoni biex jara l-ħeġġa tas-sudditu sa fejn tista' tasal. Ma għandux jibża' mill-persekuzzjoni għax anke il-qaddisin kellhom il-persekuzzjoni tagħhom. Xi drabi din il-persekuzzjoni ġiet mill-istess nies li suppost kellhom jgħinuhom. Fl-aħħar il-verita tirbaħ. Iż-żejt jitla' dejjem f'wiċċ l-ilma.

Jekk din il-Kritika tkun ġejja minn l-istess nies li jaħdmu fl-istess kamp ta' xogħol, wieħed għandu jeżamina lilhu nnifsu biex jara, jekk l-oġġett tal-kritika tiegħu huwiex ġej mis-suppervja tiegħu jew mill-ħeġġa li għandu għax-xogħol. Għandu jqis ukoll li l-intenzjoni tajba ma għandha qatt twassal lil-bniedem biex jissagrifika lil dawk ta' madwaru bla ma jkollu l-kunsens tagħhom.

Jekk il-kritika tkun ġejja minn dawk ta' isfel, tkun prudenza u għaqal kbir u ta' min ifaħħru ta' l-imgħallem, li jiżen sewwa il-qagħda tiegħu magħhom, u min jikkmanda ma għandux jiddomina imma juża id-djakonija jew qadi, servizz lil sħabu. Fuq dan il-mod ta' kritika, jgħid il-Kard. Lercaro, wieħed għandu jkun immexxi l-ewwel u qabel kollox mill-karita soċjali, nisranija u evanġelika.

Kritika bħal dawn li semmejt, tkun tagħmel ġieħ tassew kbir lil min jirċeviha. Tkun rebħa kbira għal-formazzjoni tal-karattru tiegħu u tgħinu biex ikun 'leader' tassew tajjeb.

**It-Tieni Punt:** Trid tagħraf tirbaħha u ma tħallijiex tirbħek, sew jekk din il-kritika tkun ġusta, u iżjed u iżjed jekk tkun falza. F'kas ta' kritika distruttiva l-bniedem għandu jimxi b'dan il-prinċipju li ma jgħtix kas tagħha sa mill-bidu nett tagħha: "put up your own umbrella and keep the rain of critisim from running down the back of your neck" Mr. Lowel Fred. Hekk ma jkollokx inkwiet.

Trid tkun kapaċi wkoll li tagħraf sewwa li jekk toqgħod tirrifletti ħafna fuq il-kritika, int mill-ewwel toħroġ bil-konklużjoni prattika u tasal biex tgħid: "No one ever kicks a dead dog" Mr. Hollings. B'hekk timtela bil-kuraġġ u tkompli fil-ħidma ħidma tiegħek.

Jekk imbagħad tara li l-kritika hija mibnija fuq affarijiet żgħar li iktar qegħdin hemm bħala ċirkustanzi u mhux bħala sostanza, wieħed irid jagħtihom l-istess valur li ta' Kristu lil ċerti nies ta'

jkompli f'paġna 6

*Sbatax-il Seklu mit-Twelid tal-Martri: 283 - 1983*

# SAN GORG FIT-TRADIZZJONI U FL-ISTORJA

*(Artikolu ta' Mons. Dante Balboni li deher fl-"Osservatore Romano" tat-23 t'April, 1983, maqlub għall-Malti mill-Avukat George Zammit).*

Fost il-ġrajjiet reliġjużi u kulturali li jidħlu fiċ-ċiklu tas-Sena Mqaddsa straordinarja ta' l-elf disa' mija u ħamsin anniversarju tar-Redenzjoni, hu xieraq li titfakkar il-ġrajja ta' wieħed li hu "xhud" eċċezzjonali ta' Kristu, jiġifieri San Ġorġ magħruf bħala megalomartri minħabba li l-qima lejh tinsab imferrxa mal-pajjiżi kollha tal-Lvant u tal-Punent, u maż-żmenijiet kollha, mill-ġurnata tal-martirju tiegħu 'l hawn.

Il-figura nobbli taż-żagħżugħ Kappadoċjan ġiet immortalata minn pitturi, skulturi, u arkitetti ta' fama kbira, imma fuq kollox mill-għadd bla tarf ta' devoti li tawh kult universali.

Fl-"Itinerarji" jew gwidi, tal-Palestina, xogħol Teodoru Perigeta tas-sena 530, insibu msemmija l-belt ta' 'Diospoli' fejn San Ġorġ ġie martirizżat, fejn jinsab il-ġisem tiegħu, u fejn jiġru ħafna ħwejjeġ ta' l-għaġeb"; anki Antonio da Piacenza (570) u Adamanno (670) jirripetu l-istess informazzjonijiet.

Fl-aħħarnett jitkellmu l-ħitan tal-bażilika ta' Kostantinu (tar-raba' seklu) li ġiet mibdula f'moskea u li dan l-aħħar ġiet restawrata (Bogatti); din il-bażilika għad għandha l-ħitan tad-dawra mibnija bħal dawk tas-Sepulkru Mqaddes ta' Ġerusalem. (Għall-għadd kbir ta' bażiliki simili mibnijin mis-sitt seklu 'l hawn, ara l-artikolu fuq il-"Bibliotheca Sanctorum").

Fost id-dokumenti letterarji hu ta' min isemmi lis-"Sacramentario Leoniano" tal-ħames seklu li jġib it-testi liturġiċi antiki f'ġieħ il-Qaddis Martri li ma damx ma ġie msieheb, fil-kult tiegħu f'Ruma, mas-suldat Martri San Bastjan; u dawn iż-żewġ qaddisin, ipparagunawhom maż-żewġ Dijoskuori, jiġifieri Castor u Pollux, difensuri ta' Ruma; (fil-Lvant, pero, San Ġorġ kienu jsibhuh ma' San Dimitri)

Kritika storika riċenti, magħmula bl-għaġġla, tat wisq importanza lill-"Passiones" u lill-"Legendae" ta' San Ġorġ u għarfithom bħala ż-żewġ xhieda waħdanin fl-istorja, fil-waqt li ma tatx każ lill-għadd kbir ta' dokumenti epigrafiċi u monumentali. Din il-kritika tibni l-provi tagħha fuq l-ftit snin li l-qaddis għadda f'din id-dinja, u tinsa li għan-Nisrani in ġenerali u partikolarment għall-Martri, il-veru "dies natalis" jiġifieri Jum it-Twelid, hu l-jum tal-mewt; u li minn dak il-jum tibda l-ħajja ġdida tant fl-hena ta' dejjem kemm fit-tifkira ta' l-aħwa fi Kristu li baqgħu pellegrini fuq din l-art, li għalihom il-Qaddis isir dak li jitlob għalihom fis-sema.

Fl-aħħarnett il-karattru aktarx letterarju milli storiku tal-"Passiones", li jixbhu lix-"Chansons de gestes" tal-Paladini ta' Karlu Manju, ġiegħlet lil dawn l-istoriċi jaħsbu li x-"Chansons de gestes" jew il-"Passiones" kienu l-fonti prinċipali u validi biex fuqhom tibni l-istorja tal-Martri jew ta' Karlu Manju bil-kavallieri tiegħu, għalkemm dawn baqgħu bħala xhieda ta' kult u ta' ammirazzjoni speċjali.

Issa li ippremettejna din in-nota meħtieġa biex inkunu ċari, nistgħu nfittxu il-vera storja ta' San Ġorġ, u nibdew mill-għadd kbir u varju ta' fatti li jixhdu l-istoriċità tal-Qaddis, fatti u testimonjanzi ta' kwantità akbar minn dawk li jeżistu fuq persunaġġi ċelebri oħrajn (ara: D. Balboni, "S. Giorgio",fil-Bibliotheca SS. VI, 512-525).

Insibu l-eqdem test f'epigrafi griega tas-sena 368 A.D. li ssemmi "dar tal-martri qaddisin u trijonfanti Ġorġ u Sħabu".

L-għadd kbir ta' "Passiones" griegi, Latini u Orjentali, miġbura f'opuskoli fuq il-"konċepiment, twelid, ħajja, mirakli u martirju", flimkien mal-"omeliji, tifħir u priedki" imsemmija mill-Bollandisti (ċirka mitt kodiċi) - biex ma nsemmux id-diversi kotba liturġiċi - joffrulna panorama ta' dokumentazzjoni li tista' tagħmi lil min mhux imħarreġ sewwa fil-kritika storika.

Wara-li nkunu għażilna dak li hu fantastiku minn dak li hu veru, skond il-kriterji miksuba mill-istudju ta' agjografija u bis-saħħa ta' studji riċenti, nistgħu niġbru l-fatti essenzjali fuq il-ħajja qasira taż-żagħżugħ suldat li miet martri għall-fidi ta' Kristu.

Id-diskors ta' San Pier Damiani, li ġie mdaħħal fil-Brevjarju l-ġdid, iħalli barra dak li hu fantastiku u jiġbor dak li hu essenzjali fil-ħajja tal-Qaddis Martri, li stqarr b'demmu l-fidi tiegħu fi Kristu.

L-eżistenza fiżika tal-Qaddis tirriżulta mill-eżamijiet xjentifiċi ta' l-għadam tiegħu, li sar fl-Istituto di Antripologia tal-Università ta' Bologna.

Dan l-għadam ġie individwat wara studju tal-"iter" (i.e. il-vjaġġ) tar-relikwiji li, wara bl-invażjoni ta' l-Għarab baqgħu, mis-sekolu tmienja 'l hawn, meqjuma bħala xhieda f'Kostantinopli u f'Ruma. Infatti, il-"Liber Pontificalis" tal-Knisja Romana jitkellem fuq l-għadam tar-ras trasferit fil-knisja tal-Velabro f'Ruma, fi żmien il-Papa Zakkarija, fis-sena 749. Qabel, San Gregorju, Isqof ta' Tours (594) isemmi traslazzjoni ta' relikwiji f'Limoges u f'Le Mans, Franza (P.L. LXXI, 792-93).

B'metodu komparattiv ġew eżaminati r-relikwiji ta' Ruma, ta' Ferrara u ta' Como (li ġew minn Pavia, belt kapitali antika tar-"Regnum Italiae").

Ir-riżultat imur favur it-tradizzjoni, u jikkonferma l-figura ta' żagħżugħ ta' ftit iżjed minn għoxrin sena, twil metru u ħamsa u sittin sa metru u seba' u sittin ċentimetru, tal-perijodu nisrani tal-qedem.

Ma' dan irridu nżidu x-xogħlijiet tar-restawr tal-Qabar ta' Lidda, li ġew magħmula dan l-aħħar. Dawn ix-xogħlijiet juru l-istruttura tal-ħitan, li jixbħu għal kollox lil dawk tal-Qabar Imqaddes ta' Kristu.

Mhix ħaġa faċli li titkellem fil-qosor fuq il-kult li minn dejjem ġie mogħti b'qima lejn San Ġorġ u fuq it-testimonjanzi innumerabbli li jippruvaw dan il-kult. Għalhekk hawn sejjer biss nelenka xi lokalitajiet diġà' msemmija fl-istudju fuq imsemmi.

F'Ġerusalemm, f'Geriko, f'Bejruth, f'Kostantinopli, f'Georgia, fl-Egittu, fl-Etiopia, f'Napli, f'Ruma, f'Ravenna, f'Milan, f'Parigi, f'Tours, f'Mainz, f'Bambeza, fl-Ingilterra, fil-Katalonja, fl-Aragona, knejjes u artali ġew iddedikati lilu. L-Ordni kavalleresk Tewtoniku u l-Ordni tal-"Garter" iqimuh bħala Protettur, fl-Ordni Militari ta'Calatrava kienu jinġarru il-"Vexilla Sancti Georgi"; l-Ordni Sovran ta' Malta jivvenerah ukoll flimkien ma' San Ġwann Battista, waqt li l-Ordni Kostantinjan iżommu bħala paturn speċjali tiegħu.

Wara l-kroċjati l-kult ta' dan il-Qaddis kiseb splendur ġdid fil-kamp militari u dan l-aħħar hu ġie dikjarat patrun tal-għaqdiet tal-Kavallieri militari ta' l-Italia (1937), tal-Kavallerija militari ta' Franza (1952), tal-Kavallerija ta' l-Italia (1956), tat-Truppi blindati tal-Belgium (1962) u tal-Moviment Internazzjonali ta' l-Iscouts.

Iċ-ċelebrazzjoni liturġika, il-qima tar-relikwija tiegħu, il-letteratura kavallereska Ewropea, l-ikonografija, il-folklore u l-biblijografija jagħmlu ġabra ta' dokumentazzjoni li bis-saħħa tagħha l-Qaddis hu attwali u kredibbli anki fiż-żmenijiet tal-lum (ara: G. Morello - A. Alecci, "Contributo per una bibliografia su San Giorgio", Napoli 1978).

Il-kommemorazzjoni ċentinarja tat-twelid ta' San Ġorġ, imqanqla mir-Rettur tal-Bażilika Romana tal-Velabro u minn għadd ta' studjużi, joffrulna mottiv — matul is-sena Gubilari tal-Fidwa — biex nidħlu f'riflessjonijiet ta' karattru reliġjuż u kulturali, imqassmin matul is-sena, biex nifhmu aktar fil-fond, fuq l-eżempju ta' figura hekk imdawwla, il-valur tax-xhieda personali għal Kristu.



**Statwa fl-Injam c 1400 (Chiesa Parr. S. Giorgio) Castelmola, Messina, Sicilia.**

***Dante Balboni***

*Minkejja n-nuqqas ta' preċisjoni matematika li ta' sikwit rikkaratterizża d-datazzjoni ta' persunaġġi u ġrajjiet, li l-ewwel sinjali tagħhom huma mitlufa fiż-żmenijiet imbiegħda, kemm it-tradizzjoni nisranija, kif ukoll ix-xjenza (storika, antropoloġika u epigrafika) juru s-snin 1983 - 84, bħala żmien xieraq biex fihom jiġi ċelebrat l-1700 anniversarju mit-***twelid ta' San Ġorġ** *– dak in-nisrani li fih id-dinja nisranija, sa mill-jum tat-twelid tiegħu għas-sema permezz tal-martirju, għarfet bħala wieħed mill-akbar xhieda ta' Kristu, kif jixhed il-kult li jinfirex mill-artijiet orjentali għal dawk oċċidentali fiż-żmenijiet kollha.*

*Proprju bil-għan li dan iċ-'ċentinarju' ma jgħaddix bla mfakkar u biex ikun iċċelebrat kif jixraq, twaqqfu f'Ruma, il-belt ta' Pietru, "Comitato d'Onore", patroniżżat minn bosta kardinali, prelati u personalitajiet oħra mid-dinja tar-reliġjon, xjenza u kultura, u "Comitato di Lavoro". L-aktar bit-tħabrik ta' Mons Dante Balboni, segretarju tal-"Commissione Pontifica per l'Arte Sacra", dan it-tieni kumitat, presedut mir-Rettur tal-Bażilika ta' "San Giorgio al Velabro", li minbarra l-membri taljani jgħodd fih ukoll żewġ membri barranin, wieħed Amerikan u ieħor Malti, jiltaqa' ta' l-inqas darba fix-xahar u qed jorganiżża bosta attvitajiet reliġjużi u kulturali.*

*Uħud minn dawn l-attivitajiet għadhom fi stat bikri ta' tħejjija, imma oħrajn qed jiġu definiti u jinkludu: il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-binjiet monumentali dedikati lil San Ġorġ ma' tul iż-żmenijiet; pellegrinaġġ lejn Lydda (Frar 1984) u konferenzi dwar il-persuna ta' San Ġorġ u l-kult lejn dan il-qaddis fl-istorja tal-Knisja. Dawn huma biss tlitt attivitajiet mill-ħafna li qed jiġu mfassla u li ġa ġew realiżżati (pubblikazzjonijiet, ċelebrazzjonijiet liturġiċi, eċċ). Forsi, fix-xhur li ġejjin, l-għejjer Maltin ukoll jingħaqdu mal-Belt Eterna fil-festi ċentinarji li qed jiġu ċċelebrati - festi li żgur għandhom relevanza reliġjuża u kulturali għall-Parroċċa tagħna u għad-Djoċesi Għawdxija.*

***Rev. Joseph Farrugia***

# Pjaneta Gotika Ġdida

Opra ġdida li żżanżnet fil-festa ta' San Ġorġ li għadha kif għaddiet kienet **pjaneta gotika.** Din il-pjaneta tħallset minn xi beneffaturi tal-parroċċa u ħadu ħsiebha żewġ saċerdoti, Rev. Joseph Farrugia u Rev. George J. Frendo, li kienu jinsabu Ruma b'motivi ta' studju. Il-pjaneta gotika nħadmet fil-bellus aħmar u b'rakkmu ta' deheb fin fuq l-istil tal-paramenti liturġiċi tal-festa. Fin-naħa t'isfel nett tal-pjaneta ġiet irrakmata, fid- deheb, fil-fidda u fis-satin, l-istemma lateranensi tal-



Kapitolu Ġorġjan. Kulħadd kellu tifħir għal din l-opra tassew rikka u sabiħa u ħafna wrew ix-xewqa li din il-pjaneta ħdida tkun biss il-bidu ta' sett ta' pjaneti bħala għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi l-aktar sbieħ u denji li jsiru fil-Bażilika tagħna.

jaqbad minn paġna 3

żmienu billi sejħilhom: "Oqbra imbajda, Nies ta' żewġ uċuħ, Vipri ħżiena," għax dawn it-talin ma jkunux jikkritikaw biex jgħinu, imma biex ifixklu. 'Il-ħażin agħtih biċċa minn dejlek u ħallih imur' int kompli ix-xogħol tiegħek bil-kuraġġ.

Meta waħda qaddisa, li kienet soru u fundatriċi ta' ordni reliġjus, kienet qegħda titkellem mas-sorijiet novizzi, biex dawn jevitaw il-kritika li ttellef il-ħajja tar-ruħ, qaltilhom: "Tgħallmu, li titkellmu ftit mal-bniedem, ftit nett fuq il-bniedem, u xejn fuqkom infuskom."

Jekk nimxu fuq dawn il-ftit prinċipji li tkellimna fuqhom, tkun ħaġa faċli għalina li:

a) l-ewwelnett nitgħallmu ma nikkritikawx bla bżonn.

b) waqt il-kritika, nużaw iktar il-karità nisranija li tgħaqqadna flimkien.

c) ngħixu iktar fil-paċi ma Alla u mal-bniedem.

Inżommu dejjem quddiem għajnejna, li ġa la darba kull bniedem huwa irripetibbli, allura bil-fors irid ikun hemm xi ħaġa f'kull wieħed, li ma tkunx taqbel ma ta' l-oħrajn.

Hekk naslu mhux biss għal-maturità fil-ħajja, imma nkunu kapaċi nagħtu ftit zokkor lid-dinja morra, ftit dawl lid-dinja mudlama, ftit hena u paċi li min ikun vittma tal-KRITIKA.



# IL-QADDIS TAX-XAHAR

## SAN FRANĠISK T'ASSISI

### 4 ta' Ottubru

Twieled ġewwa għar f'Assisi fl-Umbria lejn tmiem is-sena 1181 jew fil-bidu ta' l-1182 minn Pietru Di Bernardone u Giovanna. Ommu tatu l-isem ta' Ġwanni; imma missieru, kummerċjant għani taddrappijiet, malli ġie lura minn Franza lil ibnu ried isejjaħlu "Franġisk", b'rabta ma' Franza li hu kien tant iħobb. pellegrin misterjuż, f'jum twelidu, ħabbar li kellu jkun bniedem li jagħmel il-ġid.

Fl-iskola tal-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Assisi, hu tgħallem jaqra u jikteb. Missier kellu ħafna ambizzjonijiet għal ibnu u l-istess nistgħu ngħidu għal Franġisku li hu wkoll kien mogħni b'tant xewqat u tlellix tad-dinja. Iż-żagħżugħ t'Assisi kien qed jiġbed fuqu l-attenzjoni taż-żgħażagħ ta' beltu u flimkien magħhom kien jingħaqad fid-daqq u fil-kant. Iżda fl-1204 ħakmitu marda kiefra li ħadet fit-tul. Meta żmien wara fieq, hu kellu ħolma li ġegħlitu jirrifletti ħafna. "X'inhu l-aħjar timxi wara l-Imgħallem jew wara d-dinja?"

Hawn beda żmien ġdid għalih. Nesa l-ħbieb u ntafa' f'ħajja ta' ġabra. F'għar fqajjar maqtugħ mill-ħsejjes tal-belt, Franġisku talab mingħand Alla dawl biex jurih x'ried minnu. F'dan iż-żmien ta' xejra ġdida għal ħajtu, hu għannaq miegħu u bies bniedem imċappas bil-mard tal-ġdiem. Ftit wara, Kristu Msallab qanqlu meta kellmu għall-ewwel darba. Franġisku beda jqassam ħafna karità lill-foqra u l-morda u jgħin l-knejjes foqra tal-belt ta' Assisi. Missieru kien għadu jittama li dak ma kienx ħlief żmien qasir ta' kriżi; iżda quddiem l-Isqof Gwido ta' Assisi, Franġisku ddikjara li jiċħad għal kull wirt li kien imissu minn missieru.

Kienet bdiet is-sena 1206. Hu libes libsa fqajra b'salib tad-drapp fuqha, tħażżem b'ħabel abjad, u ried li jimxi ħafi. Hawn bdiet għalih ħajja iebsa maqtugħ għalih waħdu, mogħti għat-talb u penitenza. Issa oħrajn bdew jissaħħru għal warajh. Fis-16 ta' April, 1208, l-għani Bennard ta' Quintavalle u l-ġurista Pietru Catani, urewħ li xtaqu li flimkien miegħu jaqsmu l-istess ħajja tiegħu. Warajhom, żagħżugħ fqajjar jismu Egidju, talbu biex jingħaqad miegħu. Ftit wara n-numru żdied. Fis-sena 1209, Franġisku li ried igħix dejjem b'ubbidjenza lejn il-Knisja, ħadhom miegħu Ruma quddiem il-Papa Innoċenzju III. Il-Papa sabha diffiċli biex jagħtihom l-approvazzjoni tiegħu; imma l-Mulej nebbħu bil-ġid kbir li dan il-bniedem kien se jagħmel lill-Knisja.

Bil-Barka tal-Papa, Franġisku beda jħossu bħal Kristu ieħor iħabbar l-bxara t-tajba. Fis-sena 1212, San Franġisk waqqaf it-tieni Ordni tiegħu li kien dak tas-Sorijiet. Il-Qaddis Franġisku issa kien qed igħakkes il-ġisem tiegħu ta' spiss biex hekk aktar joqrob lejn Alla. Fl-14 ta' Settembru 1224, festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib, kif kien mitluf f'estasi ta' mħabba, fl-idejn, fir-riġlejn u fil-ġenb ta' Franġisku bdew jidhru l-pjagi ta' l-istess Kristu msallab. L-aħħar sentejn ġiebu magħhom tbatijiet oħrajn: beda jitlef id-dawl u ta' spiss kien ikun magħfus bl-uġigħ kbir. "Oħtu" l-mewt ma kenitx il-bogħod. Miet fuq il-qiegħa ta' l-art, imdawwar minn bosta reliġjużi nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 1226 meta kellu biss 45 sena.

Il-ġisem tiegħu nżamm fil-knisja ta' San Ġorġ f'Assisi għal erba' snin. Kien hemm li hu ġie ddikjarat Qaddis mill-Papa Grigor IX, ħabib kbir tiegħu, fis-16 ta' Lulju, 1228. Aktar tard, il-fdal tiegħu ttieħed fil-Bażilika ġdida li nbniet fuq l-għolja li bdiet tissejjaħ l-Għolja tal-Ġenna.

# IL-FESTA TA' SAN ĠORĠ 1983



Ir-Ritratti ta' hawn fuq juru mumenti mill-festa ta' San Ġorġ ta' din is-sena. Kellna festa kbira; festa mimlija ferħ u briju matul il-ġranet kollha. Kulħadd ta s-sehem tiegħu u ta' dan minn dawn il-kolonni nirringrazzjaw lil kulħadd ta' l-għajnuna li ngħatat. Ħajr speċjali jmur żgur lis-Soċjetà Filarmonika "La Stella" li torganiżża l-festi ta' barra, għax sena wara l-oħra s-Soċjeta 'La Stella' torganizza b'mod impekkabbli festi esterni li jagħmlu unur lilna u lill-Għawdex.

A & M Printing Ltd. Qala, Tel. 553217